Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2006

Numru. 312/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Anthony Portelli)**

**vs**

**Clayton Haidon ta' 22 sena**
**bin Robert u Carmen nee Callus, imwieled**
**Pieta' nhar il-25/10/1983 u residenti**
**no. 118, Triq Matty Grima, Bormla,**
**detentur tal-karta tal-identita' bin-numru**
**537483 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Clayton Haidon li gie akkzuat talli f'Rahal Gdid nhar il-31 ta' Dicembru, 2005 ghall-habta tas-7.10 a.m. iddenunzja lil Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, ai termini ta' l-artikolu 110(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, bil-qerq holoq jew gieghel li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, ai termini tal-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat fi stadju ta' interrogatorju u fi stadju ulterjuri ammetta l-akkuzi u kkonferma l-istess ammissjoni.

Rat li gie pprezentat pre sentencing report konsegwenza ta' l-ammissjoni.

Rat ghalhekk ir-rakkomandazzjoni fl-istess rapport.

Ikkonsidrat

Illi kif irrizulta mill-istqarrijiet rilaxxati mill-istess akkuzat, l-istess irraporta mal-pulizija reat li qatt ma gie kkunsmat semplicement ghaliex kien bezghan minn missieru. Fil-fatt huwa fi stadju ta' interrogatorju mill-Ufficjal Investigattiv mal-ewwel ta l-verzjoni veritjiera.

Illi in vista tal-fatti kif zviluppaw din il-Qorti wara li ssib lill-istess Clayton Haidon hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, dan wara li rat l-artikolu 110 tal-Kapitlu 9, qeghda anke wara li rat il-fedina penali tieghu, wara li hadet in konsiderazzjoni l-passat ta' l-istess Clayton Haidon, tqeghdu taht ordni ta' probation ghall-istess perjodu b'dan

illi huwa ghandu jzomm kuntatt ma’ l-Ufficjal tal-Probation u jobdi kull direttiva lilu moghtija b’mod partikolari jekk jerga’ jkollu xi problema in relazzjoni mal-abbuz tad-droga. Din l-ordni ta’ Probation ghandha tkun ghal perjodu ta’ sentejn. L-Ufficjal tal-Probation innominata ghandha tkun Victoria Grech, li ghandha kull tliet xhur taghmel rapport bil-miktub dwar l-andament ta’ Clayton Haidon f’din l-ordni. F’dan ir-rigward il-Qorti rat l-artikolu 7 tal-Kapitlu 446.

Rat ukoll l-artikolu 109 tal-kapitlu 9 u qeghda tapplika kontra Clayton Haidon interdizzjoni generali ghal sena, tinterdixxih ukoll milli jservi bhala xhud hlief f’Qorti ta’ Gustizzja jew milli jservi bhala perit.

Rat l-artikolu 10 tal-Kapitlu 9 u tordna li kopja ta’ din l-interdizzjoni tigi ppublikata debitametn fil-Gazzetta tal-Gvern u tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------